KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 443 (8-71)

It-Tnejn 28 ta' Awwissu 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Dominic Grech
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

Il-Kunsillier Kurstein Sant
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsilliera Gillian Farrugia Pace

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**443.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**443.1.2** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Kurstein Sant.

**443.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**443.2.1** Inqraw il-Minuti tas-Seduta 441 u 442. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsiller Julian Borg issekonda. Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti moqrija bħala dokument korrett.

**443.2.2** **Punti li joħorġu mill-Minuti**
Ma tqajmux punti mill-Minuti.

**443.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**443.3.1** Permessi ta' attivitajiet 'one time events'
Is-Sindku qal li hemm bżonn jiġu imposti set ta' kundizzjonijiet meta jinħarġu l-permessi għal attivitajiet. Hu qal li ma jistax ikun li jkun hemm attivita' li jkunu ħallsu għalija permess ta' €6.99 kif impost bil-liġi, imbgħad il-problemi ta' tindif u ġbir ta' skart jaqgħu fuq il-Kunsill. Hu qal li dan ġara dan il-weekend stess waqt attivita' ta' tieġ fejn il-Kappella tal-Providenza, fejn wara l-attivita irċieva telefonata biex jinġabar l-iskart oriġinat. Hu qal li din mhix sitwazzjoni aċċettabbli u min jorganizza attivita' għandu jkun responsabbli tal-iskart iġġenerat u li ż-żona titħalla nadifa. Il-Kunsill unanimament qabel li jitħejja abbozz ta' kundizzjonijiet biex jibdew jiġu applikati mal-permessi.

**443.3.2** Newsletter
Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex jindew jgħaddu l-artikli għal fuljett li jmiss tal-Kunsill, ħalli jibda jinġabar il-materjal. Huwa qal li dawn għandhom jgħaddu lis-Segretarju Eżekuttiv.

**443.3.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**443.5** **Mozzjoni dwar il-bżonn ta' proġett ta' restawr tal-Kappella tal-Karmnu ġewwa l-Fawwara**

**443.5.1** Is-Sindku qara l-mozzjoni kif proposta minnu u ssekondata mill-Viċi Sindku, u l-Kunsillier Kurstein Sant u Adrian Farrugia.

*"Billi f'dawn l-aħħar ftit snin l-istat tal-Kappella iddedikata lil Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Fawwara iddeterjora sostanzjalment u llum il-ġurnata din il-kappella tinsab fil-periklu li tiġġarraf u tintilef darba għal dejjem;*
*U billi din il-Kappella li tmur lura għal mijiet ta' snin tirrappreżenta waħda mill-aktar patrimonji għeżież li għandu il-Poplu tas-Siġġiewi;*
*U billi din il-Kappella tirrappreżenta ġenerazzjonijiet ta' Siġġiwin li għexu għal snin twal fil-Fawwara u frekwentaw ta' kuljum din il-Kappella u allura għada sal-ġurnata tal-lum tqanqal nostalġija, filwaqt li hi parti integrali mill-istorja kulturali tas-Siġġiewi;*
*U billi jekk mhux se titieħed l-ebda azzjoni immedjata, din il-Kappella se tisfa' fir-riskju li tispiċċa tiġġarraf u tintilef darba għal dejjem;*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum It-Tnejn 28 t'Awwissu 2023;*

*1. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali is-Siġġiewi jagħmel talba lil Kurja tal-Arċisqof bħala s-sid ta' din il-Kappella, sabiex din tagħti permess lil istess Kunsill Lokali sabiex japplika hu għal fondi eliġibli sabiex b'dawn il-fondi tkun tista tiġi rrestwrata din il-Kappella tant għażiża għalina s-Siġġiwin;*

*2. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali jivverifka mal-Kurja tal-Arċisqof jekk diġa hemmx studji u pjanijiet ta' xogħolijiet ta' restawr lesti, hekk kif jirriżulta minn informazzjoni li kienet ħarġet fil-midja madwar tliet snin ilu, li diġa kien hemm il-pjanjijiet mħejjija sabiex jibda l-proċess ta' restawr ta' din il-Kappella;*

*3. Jiriżolvi li l-Kunsill jaħdem id f'id mal-Arċipriet u l-Kleru tal-Parroċċa San Nikola fis-Siġġiewi tul dan il-proċess li għandu jwassal għal dan il-proġett ta' restawr;*

*4. Jirriżolvi li din il-Kappella meta tiġi rrestawrata tinżamm taħt il-kura tal-Parroċċa San Nikola Siġġiewi, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali is-Siġġiewi;*

*5. Jirriżolvi li l-Kappella restawrata u l-binja li tmiss magħha tkun tista tiġi utilizzata mill-għaqdiet kollha Siġġiwin, ovvjament liema attivitajiet huma aċċettabli li jsiru f'dan il-fond li jirrapreżenta wieħed mill-aqwa teżori ta' patrimonju li għandu is-Siġġiewi*

*Kopja ta' din il-mozzjoni approvata għanda ġentilment tintbagħat lil Onor. Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali kif ukoll lis-Segretarju Amministrattiv tal-Kurja tal-Arċisqof, is-Sur Michael Pace Ross."*

**443.5.2** Is-Sindku ta spjega tal-punti msemmija u qal li din il-kappella, waħda mill-ħafna postijiet ta' wirt kulturali fis-Siġġiewi qegħda fi stat gravi ta' deterjorament u għandha bżonn azzjoni mmedjata qabel tintilef.

Il-Kunsill iddiskuta l-mozzjoni.

**443.5.3** Il-Kunsillier Julian Borg qal li jaqbel mal-ġist tal-mozzjoni. Huwa wera l-prejokkupazjoni tiegħu dwar finanzjament u qal li skond informazzjoni mill-Perit tal-Kurja, ix-xogħolijiet jammontaw għal stima ta' żewġ miljuni. Il-Kunsillier Borg qal li il-maġġor parti tal-iskemi jkunu jkopru il-85% tal-ispiża u l-bilanċ ikoprieh l-applikant. Hu qal li bl-ispiża stmata huwa impossibli li l-Kunsill ikopri din l-ispiża, speċjalment fuq propjeta ta' terzi, a skapitu ta' xogħolijiet oħra u proġetti li jaqgħu taħt ir-reponsabilta' tal-Kunsill. Il-Kunsillier Borg propona wkoll li fuq il-midja soċjali l-Kunsill jagħti aġġornament dwar ix-xogħolijiet tal-kappelli l-oħra, tal-Għolja u taċ-Ċwerra. Wara li l-Kunsill iddiskuta d-diversi punti imsemmija, l-mozzjoni oriġinali ġiet emendata bi qbil u mressqa għall-votazzjoni.

**443.5.4** Emenda għall-mozzjoni oriġinali

*"Billi f'dawn l-aħħar ftit snin l-istat tal-Kappella iddedikata lil Madonna tal-Karmnu ġewwa l-Fawwara iddeterjora sostanzjalment u llum il-ġurnata din il-kappella tinsab fil-periklu li tiġġarraf u tintilef darba għal dejjem;*
*U billi din il-Kappella li tmur lura għal mijiet ta' snin tirrapreżenta waħda mill-aktar patrimonji għeżież li għandu il-Poplu tas-Siġġiewi;*
*U billi din il-Kappella tirrapreżenta ġenerazzjonijiet ta' Siġġiwin li għexu għal snin twal fil-Fawwara u frekwentaw ta' kuljum din il-Kappella u allura għada sal-ġurnata tal-lum tqanqal nostalġija, filwaqt li hi parti integrali mill-istorja kulturali tas-Siġġiewi;*
*U billi il-Kunsill Lokali is-Siggiewi matul is-snin hadem sabiex il-wirt kulturali inkluz dak tangibli, ikunu imhares u protett;*

*U billi jekk mhux se titieħed l-ebda azzjoni immedjata, din il-Kappella se tisfa' fir-riskju li tispiċċa tiġġarraf u tintilef darba għal dejjem;*

*Għaldaqstant, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi mlaqqa' llum It-Tnejn 28 t'Awwissu 2023;*

*1. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali is-Siġġiewi jagħmel talba lil Kontraternita tal-Karita' fi hdan il-Kurja tal-Arċisqof bħala s-sid ta' din il-Kappella sabiex flimkien mal-Kunsill Lokali is-Siggiewi japplikaw għal fondi eliġibli sabiex b'dawn il-fondi tkun tista tiġi rrestwrata din il-Kappella tant għażiża għalina s-Siġġiwin;*

*2. Jirriżolvi li l-Kunsill Lokali jivverifka mal-Kurja tal-Arċisqof jekk diġa hemmx studji u pjanijiet ta' xogħolijiet ta' restawr lesti, hekk kif jirriżulta minn informazzjoni li kienet ħarġet fil-midja madwar tliet snin ilu, li diġa kien hemm il-pjanjijiet mħejjija sabiex jibda l-proċess ta' restawr ta' din il-Kappella;*

*3. Jiriżolvi li l-Kunsill jaħdem id f'id mal-Arċipriet bhala amministratur tal-proprjeta' fi hdan il-Kurja ta' l-Arcisqof u l-Kleru tal-Parroċċa San Nikola fis-Siġġiewi tul dan il-proċess li għandu jwassal għal dan il-proġett ta' restawr;*

*4. Jirriżolvi li din il-Kappella meta tiġi rrestawrata tinżamm taħt il-kura tal-Parroċċa San Nikola Siġġiewi bhala amministratur tal-proprjeta' fi hdan il-Kurja ta' l-Arcisqof, b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali is-Siġġiewi;*

*5. Jirriżolvi li l-Kappella restawrata u l-binja li tmiss magħha tkun tista tiġi utilizzata mill-għaqdiet kollha Siġġiwin, b'kollaborazzjoni mal-Parrocca San Nikola fis-Siggiewi, ovvjament liema attivitajiet huma aċċettabli li jsiru f'dan il-fond li jirrappreżenta wieħed mill-aqwa teżori ta' patrimonju li għandu is-Siġġiewi.*

*Kopja ta' din il-mozzjoni approvata għanda ġentilment tintbagħat lil Onor. Owen Bonnici, Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali kif ukoll lis-Segretarju Amministrattiv tal-Kurja tal-Arċisqof, is-Sur Michael Pace Ross, lil-Konfraternita' tal-Karita, kif ukoll lil Arcipriet tal-Parrocca tas-Siggiewi Rev. Fr. Josef Mifsud."*

Votazzjoni fuq il-mozzjoni kif emendata.
4 favur. Il-mozzjoni għaddiet unanimament.

**443.6 Update fuq xogħolijiet infrastrutturali fi Triq is-Siġġiewi, Triq il-Palazz tal-Verdala, Triq Papa Pawlu VI u l-Girgenti junction;**

Is-Sindku qal li l-proposta għall-arranġament tat-traffiku kif approvata qegħda transport Malta għall-approvazzjoni biex eventwalment ikompli ix-xogħol. Huwa qal li TM irrifjutat il-pjan ta' parkeġġ kif qiegħed bħalissa u approvat parġeġġ paralleli fi Triq Papa pawlu VI. Bħalissa għaddej l-aħħar fażi ta' xogżol fi Triq il-Palazz tal-Verdala.

Rigward ix-xogħolijiet fil-Junction Ta' brija, is-Sindku qal li kontinwament qed jeżieġi li x-xogħol isir mingħajr iktar dewmien, kemm għal fatt li dalwaqt tibda l-iskola u anka qabel tibda x-xita. Is-Sindku semma wkoll claims għal ħsarat ta' vetturi li qed jiġu riċevuti lo-Kunsill u qed jiġu riferuti għandi IM. Is-Sindku qal li kellem anka lil Ministru rigward l-urġenza ta' dan ix-xogħol.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li dan ix-xogħol ilu xhur jiġi rimadat u li IM għandha żżomm il-committments mal-Kunsilli Lokali. Hu esieġa fuq il-periklu eżistenti ta' din il-junction li tintuża kuljum minn ammont kbir ta' vetturi.

**443.7** **Xogħol pendenti ta' upgrading u safety flooring tal-Bandli Nalizpelra**

**443.7.1** Is-Sindku qal li qed isegwi kuljum ix-xogħolijiet. Hu qal li inqala l-materjal qadim kollu, l-area ġiet imnaddfa bil-powerwash u dalwaqt jibda jitqiegħed il-bażi. Sadattant, fuq proposta li saret f'Seduta preżedenti biex isiru konok fil-passaġġ, ġie mitlub parir tekniku mill-perit li kien ħadem fuq il-ġnien, u qal li f'dak il-passaġġ hemm l-istruttra tat-travi li qegħda ta' sostenn għat-triq u għalhekk ma jistax isir tħaffir. Is-Sindku proposa li minflok jitqegħdu planters kbar bis-siġar. Qed jinġiebu stimi għal dawn.

**443.8** **Xogħolijiet fuq introduzzjoni ta' belisha zebra crossing fi Triq Dun Manuel Zammit**

**443.8.1** Is-Sindku qal li inġiebu l-istimi għax-xgħolijiet tat-3 belisha crossings kif approvati minn TM, li tammonta għal madwar €30,000. Is-Sindku qal li dawn ix-xogħolijiet għandhom jibdew urġenti minħabba l-periklu li hemm fit-triq. Din il-ġimgħa għandhom jiġu kkuntattjati l-kuntratturi involuti biex jikkoordinaw ix-xogħol, u ssir l-applikazzjoni RWP1 ma' TM biex immedjatament meta tiġi approvata jinbeda x-xogħol. Il-Kunsillier Julian Borg talab li ssir laqgħa mal-kuntrattur fuq il-post biex jiġi mmarkat il-post fejn ser jiġu minn qabel. is-Sindu talab li jsir meeting mill-iktar fis.

**443.9** **Analiżi kuntratti tas-servizzi tal-sweeping u n-non-urban**

**443.9.1** Is-Sindku preżenta rapport fuq iż-żewġ kuntratti kif kien rikjest fis-seduta 422 imsejħa b'urġenza minħabba n-nuqqas ta'servizz mill-kuntratturi tat-tindif. Ir-rapporti jkopru l-perjodu tal-aħħar ġimgħat kif ukoll rapport dettaljat u bir-ritratti ġurnata b'ġurnata minn wara s-Seduta tas-16 t'Awwissu sal-lum.

**443.9.2** Kuntratt tal-Knis LCS23/22
Ir-rapport jagħmel referenza għall-iskeda tal-knis tat-toroq kif elenkata fil-Kuntratt LCS23/22. Jidher biċ-ċar li t-toroq ma inkinsux skond l-iskeda, fejn saħansitra ċertu ħmieġ baqa jidher għal diversi ġimgħat li jirriżulta li daw qatt ma nkinsu. Jidher ukoll li f'ċerta toroq għalkemm inkinsu, ma nkinsux sew, u anka li l-ħaxix mal-bankini ma nqatax. Hemm ukoll l-ilmenti ripetuti tat-tbattil tal-bins u d-dog bins, li mir-ritratti juru li hemm minnhom, anka wara li l-kuntrattur ġie infurmat li jibqgħu ma jitbattlux għal jiem sħaħ. Is-Sindku qal li kuljum issir komunikazzjoni permezz ta' chat fejn l-ilmenti jintbagħtu hemmhekk, u tibqa ssir follow up mill-contracts manager tal-ilment. Minkejja diversi tentattivi biex is-servizz jitjieb, jidher li xorta bqajna bl-istess ilmenti ta' dewmien u nuqqas ta' servizz minn kif rikjest fil-kuntratt u li għalih il-kunsill qed iħallas. Wara li l-Kunsill iddiskuta r-rapport u wara li ġie kkunsidrat li issa għadda żmien biżżejjed biex l-ilmenti jkunu ġustifikati, is-Sindku propona li tiġi applikata penali mill-pagament ta' Awwissu kif speċifikat fil-Kundizzjonijiet Speċifiċi li jirregolaw il-kuntratt, Artiklu 9. Kien hemm qbil unanimu li tiġi applikata penali.

**443.9.3** Kuntratt Tindif taż-żoni rurali LCS34/20i
Ir-rapport preżentat jagħmel referenza għal pjan ta' ħidma fl-aħħar ġimgħat u l-volum ta' xogħol li fatwalment sar. Kif diġa imsemmi fis-Seduta 422, qed ikun hemm dewmien esaġerat u x-xogħol mhux ta' livell mixtieq għax mhux jintuża makkinarju, iżda għodod tal-idejn biss. Dan qed jikkawża dewmien esaġerat bil-konsegwenza li x-xogħol waqa lura ħafna u qatt ma kien haw din is-sitwazzjoni ta' ħaxix ħażin fit-toroq tal-kampanja. Mir-rapport jidher ukoll li f'diversi ġranet hemm imniżżel 'no show' minħabba raġuni jew oħra ma tfaċċa l-ebda ħaddiem mit-tlieta li l-kunsill iħallas skond il-ftehim tal-kuntratt. Is-Sindku qal li minħabba periklu, kellu jiġi bqabbad kuntrattur ieħor biex jitnaddfu toroq u dan bi spejjeż żejda għal kunsill. Wara diskussjoni, u referenza għall-kummenti diġa mressqa fis-Seduta 442, is-Sindku propona li tiġi applikata default mill-kont ta' Awwissu kif speċifikat fil-kundizzjonijiet li jirregolaw il-kuntratt. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**443.10 Xogħol fuq il-proġett tal-Family Park**

**443.10.1** Is-Sindku informa li x-xogħol ser jibda nhar l-erbgħa 30 t'Awwissu, bit-tħaffir tal-ġiebja u bini taċ-ċnut. Huwa qal li saret il-laqgħa mar-residenti u sidien ta' għelieqi u ġew trattati l-issues kollha li kien hemm. Is-Sindku informa wkoll li b'koperazzjoni mal-Pulizija ġew imneħħija l-makkinarji li kien hemm fil-post u qed jieħdu ħsieb jitneħħew 2 li jonqħs fuq il-post.

**443.11 Zoni għal installar ta' charging pillars ġodda madwar is-Siġġiewi**

**443.11.1** Is-Sindku preżenta korrisponde nza mill-Ministeru tal-Enerġija b'lista ta' siti fejn ser jiġu installati charging pillars biex jiġu approvati mill-kunsill. Is-Siti, kif kienu ġew issuġġeriti mill-Kunsill Lokali preżedentement u ivverifikati mill-Ministeru li huma eliġibbli huma dawn:

| | |
|---|---|
| SGW-001-S | Triq Ramija |
| SGW-002-P | Triq Dun Manwel Zammit |
| SGW-002-S | Triq Pawlu VI |
| SGW-003-P | Triq Mons F. X. Mangion |
| SGW-003-S | Triq Karmenu Bonello |
| SGW-004-P | Ghar Lapsi Public Parking |
| SGW-004-S | Triq Mattia Preti |
| SGW-006-S | Triq Blat il-Qamar |
| SGW-007-S | Triq Santa Margerita |
| SGW-008-S | Triq id-Difa |
| SGW-010-S | Triq Dun Manwel Zammit |
| SGW-011-S | Triq L-Imqabba |

Il-Kunsillier Julian Borg irrimarka li fi Triq Dun Manwel Zammit hemm żewġ siti fil-lista mentri m'hemm l-ebda charging point lejn il-Pjazza u lejn iż-żona ta' Fonzu. Hu propona li jonqos sit minn Triq Dun Manwel Zammit u ssuġġerixxa il-parkeġġ fi Triq il-Parroċċa, ħdejn il-kamrun li jkun qrib il-knisja Parrokjali u parkeġġ ħdejn Pjazza Citta' Ferdinand. Is-Sindku talab votazzjoni fuq dawn il-proposti. Kien hemm qbil unanimu.

**443.12 SPI/SCI/3/2023 - Clean Up the World Campaign f'Settembru**

**443.12.1** Is-Sindku informa li l-Kunsill ġie allokat is-somma ta' €1500 taħt din l-iskema. Huwa ql li ġiet identifikata iż-żona ta' Għajn il-Kbira u Ta' Brija biex issir l-attivita' skond il-kundizzjonijiet tal-ftehim. Is-Sindku propona li l-attivta' ta' tindif issir nhar is-Sibt 9 ta' settembru filgħodu u ħeġġeġ il-parteċipazzjoni tal-Kunsillieri.

**443.13 Restawr fuq l-istatwa ta' Sta. Marija f'Ħal Xluq u aktar xogħol ta' restawr**

**443.13.1** Is-Sindku qal li r-restawr fuq l-istatwa ta' Santa Marija ta' Ħal Xluq ġie terminat b'suċċess. Il-proġett ġie inawgurat is-Sibt tal-festa ta' Ħal Xluq. Is-Sindku qal li minħabba abbuż li jkun hemm fiż-żona, żdied dawl mal-istatwa u propona li jitwaħħlu żewġ bankijiet biex iż-żona tiġi attraenti u bl-iskop li nipruvaw neliminaw l-abbuż ta' rimi ta' skart.

**443.14 Preparamenti għall-attivita' Festa Għeneb 2023**

**443.14.1** Is-Sindku qal li din hija l-aħħar Seduta qabel l-avveniment. Hu qal li issa il-programm kważi finalizzat u jonqos l-aħħar affarijiet żgħar. Is-Sindku qal li l-Kunsillier Julian Borg qed jieħu ħsieb il-komnpetizzjoni tal-inbid u l-kuntatt mal-parteċipanti u għassara tal-għeneb, filwaqt li l-kunsilliera Francine Farrugia qed tikkorinda mal-Arkivji Nazzjonali għal wirja ta' ritratti u ġrajjiet tal-imgħoddi. Hu rringrazja lill-Kunsilliera tal-koperazzjoni.

Is-Sindku qal li qed jistenna data mill-Ministeru għall-Gvern Lokali biex tissejjaħ konferenza stampa, fejn ikun mistieden ukoll il-President tar-Reġjun Punent, liema data ser tiġi kkomunikata lill-kunsilliera kollha u ħeġġeġ l-attendenza ta' kulħadd.

**443.14.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed taħdem ma' l-Arkivji Nazzjonali dwar montaġġi fuq is-Siġġiewi biex jiġu esibiti waqt festa għeneb, kif ukoll issir wirja li imbgħad dawn ir-ritratti jibqgħu esibiti fil-binja tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Farrugia qalet li qed tikkoordina ma' Eagle Foundation biex waqt festa għeneb ikollhom stand b'informazzjoni dwar il-proġett Walk2School.

**443.15 Cirk AKL2023/076 – Il-kuntratt tal-għalf tal-ħamiem**

**443.15.1** Il-Kunsill ġie infurmat mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali li l-ftehim ser ikun qed jieqaf fi ftit ġimgħat oħra u li għalissa sta għal Kunsill jekk jibqax juża s-servizz. Il-ħlas għas-servizz huwa ta' €600 għal tlett units eskluż il-Vat, jiġifieri spiża ta' €8496 fis-sena. Is-Sindku propona li is-servizz jitwaqqaf malli jittermina l-ftehim mal-Assoċjazzjoni u l-fondi jintużaw għal xogħolijiet iktar benefiċjali. Il-Kunsill qabel unanimament.

**443.16 Talba mill-Grupp tal-Armar rigward pagament Pjazza Mdawla**

**443.16.1** Is-Sindku preżenta talba mill-Grupp tal-Armar għall-pagament bħala rimbors ta' supplies relatati mal-Pjazza mdawwla li saret f'Diċembru 2022. Hu qal li l-Kunsill kien diġa iffinanzja €3000 għal xogħol tal-armar u mhux tal-materjal. Is-Sindku qal li din ma kinetx spjegata ċara iżda nonostante dan l-għaqda għamlu dawn l-ispejjeż. Is-Sindu irringrazzja lill-membri tal-għaqda, li kienu preżenti fis-sala tal-ħidma tagħhom fi ħdan il-lokalita' u qal li l-iskop tal-kunsill huwa li jgħin lill-għaqdiet. Minkejja dan, il-Kunsill huwa limitat fl-ispejjeż u għandu proċeduti finanzjarji u legali ma xiex għandi jimxi. Is-Sindku propona li l-Kunsill iħallas massimu ta' €6000 maqsum fuq numru ta' xhur, anka peress li dan l-ammont ma kienx inkluż fil-budget ta' din is-sena. Huwa propona li s-Segretarju Eżekuttiv tevalwa l-aħjar mod kif dan l-ammont jista' jiġi mħallas mingħajr ma jkun hemm problemi finanzjarji. Il-Kunsill unnaimament qabel ma' dan.

**443.17 Proposta ta' ġemellaġġ ma' Bari**

**443.17.1** Is-Sindku informa li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi irċieva proposta mis-Sindku ta' Bari għal ġemellaġġ mal-belt ta' Bari. Il-proposta hija li jsir l-iffirmar fl-istadium San Nicola di Bari, dak inhar tal-logħba tal-kwalifikazjoni ewropeja bejn l-Italja u Malta fl-14 t'Ottubru 2023.

Oqsma possibbli ta' Kooperazzjoni jistgħu jinkludu:
- id-devozzjoni tas-Siġġiewi u tan-nies ta' Bari lejn il-Patrun, San Nikola;
- Twettaq inizjattivi biex tippromwovi l-identitajiet storiċi rispettivi permezz ta' attivitajiet konġunti ta' riċerka, kooperazzjoni u skambju bejn esperti, organizzazzjoni ta' seminars, konferenzi u proġetti kulturali b'mod predominanti li jirreferu għall-qima ta' San Nikola u l-kommemorazzjoni tal-patrun;
- Iwettaq azzjonijiet konġunti biex jissaħħaħ l-ideal ta' kollaborazzjoni istituzzjonali paċifika fost organizzazzjonijiet ċiviċi;
- Tippromwovi proġetti ta' skambju u kollaborazzjoni fl-oqsma tal-kultura u l-moħħ ċiviku, u tippromwovi forom ta' mobilità u kollaborazzjoni ta' proġetti għall-istudenti u rappreżentanti istituzzjonali.

Is-Sindku preżenta d-dokumentazzjoni kollha riċevuta mill-Kunsill ta' Bari u abbozz tal-ftehim kemm bl-ingliż u anka bil-lingwa taljana, u anka l-applikazzjoni għall-Ġemellaġġ (Appendiċi II) lill-Ministeru tal-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali biex issir skond il-proċedura.

Il-Kunsillier Julian Borg qal li din hija opportunita' tajba ħafna u benefiċjali kemm għal Kunsill Lokali u anka għal komunita' Siġġiwija li ssir ġemellaġġ ma' Belt li għandha ħafna x'toffri.

Is-Sindku qal li f'każ ta' qbil, il-proċess għandu jsir minnufiħ biex inlaħħqu mad-data proposta. Il-Kunsill unanimament qabel li jibda l-proċess għal dan il-ġemellaġġ u approva d-dokument preżentat.

**443.18 Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**443.19 Rapport tal-Korrispondenza**

**443.19.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

B'referenza gal Ċirkolari numru 15/2023 bis-suġġett Seduta Parlamentari taż-Żgħażagħ bħala aprti miċ-ċelebrazzjonijiet tat-30 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali f'Malta, kull Kunsill Lokali ġie mitlub jinnomina żgħażugż bejn il-15 u l-25 sena bħala rappreżentahnt tal-lokalita'. Is-Sindku qal li kien interessat jattendu żgħażugħ Francesco Giorgino. Il-Kunsill qabel unanimament.

**443.20 Rapport tal-ilmenti**

**443.20.1** Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**443.21 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**443.21.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti. Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Viċi Sindku issekondat u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

**443.21.2 Approvazzjoni għar-risposta tal- Management Letter**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat ir-risposta tal-Management Letter fejn ġew indirizzati l-kummenti u r-rakkomandazzjonijiet kollha li saru mill-Awdituri waqt it-twettiq tal-verifika finanzjarja statutorja tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-Kunsill għas-sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2022. Il-Kunsill unanimament approva ir-rapport kif preżentat.

**443.22 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**443.22.1** Il-Kunsillier Julian Borg staqsa jekk kienx hemm xi aġġornament dwar il-proġett tat-twessiegħ ta' triq Bur il-Kbir lejn ir-Rabat, sussegwenti d-diversi ilmenti ta' staġnar ta' traffiku. Is-Sindku qal li m'għandu l-ebda aġġornament dwar dan.

**443.22.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia reġgħet semmit parti ta' Triq il-Muża li qed iċċedi u li qegħda f'periklu li tisfronda.

**443.22.3** Il-Kunsilliera Farrugia infurmat li innominat lil Ekoskola għal STEM Community Project Award.

**443.22.4** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed taħdem b'kollaborazzjoni ma' Eagle Foundation fuq il-proġett Walk2School.

**443.22.5** Hija qalet li qed taħdem fuq żewġ applikazzjonijiet għal Grant for Permanent Sustainable Mobility Measures Competition fuq proġett ta' infrastruttura għall-użu tar-roti u anka tal-mixi, kif ukoll għall-applikazzjoni tal-iSmall Events and Activities Competitions għall-attivita' 'Car Free Day' fl-okkazjoni tal-European Mobiliy Week (Cir AKL 2023/070). L-applikazzjonijiet kważi finalizzati u jgħlqu fil-31 t' Awwissu.

**443.22.6** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li kellmuha residenti minn Triq il-Girgenti dwar periklu ta's ewqan eżżessiv fit-triq u talbu li jkun hemm traffic calming measures. Is-Sindku qal li bħalissa qed naħdmu, kif diġa semma, biex isiru l-belisha crossings fi Triq Dun Manwel Zammit, biex jgħinu titnaqqas il-veloċita f'dan l-inħawi. Huwa qal biex naraw x'opzjonijiet hemm f'din it-triq ukoll.

**443.23** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.30 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 25 ta' Settembru 2023 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 25 ta' Settembru 2023

Dominic Grech
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv